**Madonna tar-Rużarju**

Madonna tar-Rużarju – int kenn għal min jinstasab
F'riġlejk u jiftaħ qalbu,
Miegħek, int is-Sultana – u Omm l-aktar qaddisa
Tfakkru int f'dak li ħalqu.

Madonna tar-Rużarju – kemm qlub jinfetħu miegħek
Għax fik jilmħu 'l Kristu ħaj,
Dak Kristu li jgħannaqhom – Dak Kristu li jfarraġhom
Dak Kristu li hu r-Ragħaj.

Madonna tar-Rużarju – f'dan ix-xahar iddedikat
Lilek ja Verġni u Omm,
Ħallini llum ngħannilek – Mal-anġli u l-qaddisin
Għanja li żżejjen il-fomm.

Madonna tar-Rużarju – x'inhi għidli din l-għanja
Jekk mhux ftuħ uġiegħ qalbi,
Dan li nista' noffrilek – quddiemek jien inressaq
Dan kollu mqiegħed f'talbi.

Madonna tar-Rużarju – kif dlonk tiġrili d-demgħa
Ta' ibnek li hu minfud,
Mill-ewwel jien nirċievi – mingħandek dik il-ħarsa
Li tfejjaq bil-gzuz il-qlub.

Madonna tar-Rużarju – ħalli nitolbok b'fidi
U kollni ħeġġa w ħerqan,
Nikkontempla l-misteri – ta' ħajjet Ibnek Ġesù
Waqt li b'talbek nkun ferħan.

Madonna tar-Rużarju – misteru wara l-ieħor
Ferħ, dawl, niket u glorja,
U għoqda wara l-oħra – tinħall u ħajti tkompli
Tinbidel fl-isbaħ storja.

Patri Mario Attard OFM Cap
Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.
7 t'Ottubru 2021